MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru 402/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Vincent Zammit**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Zammit, bin Salvu u Virginia nee` Cachia, imwieled fis-26 ta’ Awissu 1951 u residenti fil-fond numru 7, Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita` numru 60051(G) li gie akkuzat talli nhar l-10 ta’ Gunju 2008 ghal habta ta’ 21:15 hrs fir-Rabat, Ghawdex;

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBB 863 tal-ghamla Vauxhall minghajr ma kellha licenzja

biex tkun fit-triq mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta;

2. aktar talli ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

3. u aktar talli naqas li jipproduci lill-Pulizia l-polza tas-sigurta` tal-imsemmija vettura fi zmien skont il-ligi;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-4 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2600) u ordnat lill-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' l-ghada tad-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Vincent Zammit minnu prezentat fit-13 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja d-decizjoni appellata, fis-sens illi tinfliggi piena izghar u aktar xierqa lill-appellant b'mod li tkun tirrifletti b'mod aktar gust il-gravita` tal-akkuzi odjerni.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

Ikkunsidrat:

**6.** Dan huwa appell limitatament dwar il-piena imposta mill-ewwel Qorti. Fir-rikors tieghu tal-appell l-appellant igib 'il quddiem bhala ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha timmitiga l-piena il-fatt li huwa mekkanik li jahdem ghal

rasu u dakinhar tal-incident huwa gie nkarigat minn Michael Kane sabiex jittrasportalu l-karozza minn Marsalforn ghall-garaxx tieghu sabiex isir xoghol ta' tiswija fuqha izda gie intercettat f'road block u hawn sar jaf li l-karozza kienet minghajr licenzja ghat-triq.

**7.** Ir-ragunijiet li gab 'il-quddiem l-appellant, izda, baqghu biss allegazzjonijiet ghaliex l-imputat ma xehedx fl-appell ghalkemm jirrizulta li xehed fl-ewwel istanza izda x-xhieda tieghu ma gietx traskritta. Anqas Michael Kane imsemmi mill-imputat appellant fir-rikors tieghu tal-appell ma gie prodott biex jixhed, la fl-ewwel istanza u anqas quddiem din il-Qorti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tista' taghti ebda piz lill-allegazzjonijiet tal-appellant. Ghandu jinghad, izda, li fi kwalunkwe kaz kien obbligu tal-appellant li qabel ma jsuq vettura jaccerta ruhu li kellha l-licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti sabiex tista' tkun fit-triq u li kellha l-polza tal-assikurazzjoni mhallsa. Minn dan l-appellant ma ghamel xejn.

**8.** Kif gia kellha l-okkazzjoni tirrileva[1], din il-Qorti kif preseduta tikkunsidra s-sewqan ta' vettura minghajr ma tkun koperta b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni bhala reat partikolarment serju minhabba n-nuqqas ta' garanziji li jkun hemm fl-eventwalita' li terzi jissokkombu ghal xi riskju li javvera ruhu minhabba sewqan fit-triq mhux skont il-ligi.

**9.** Ghalhekk, tenut kont tal-fatt li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi, jekk mhux ukoll addirittura inqas bi ftit, fil-kompless taghha, mill-minimu previst mill-ligi, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet validi sabiex timmitiga b'xi grad il-piena imposta mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perjodu ta' skwalifika mil-licenzji kollha tas-sewqan jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

---

[1] Ara Pulizija v Andre' Apap 4/02/2011;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------